

Brussell, 12 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

11121/24

FISC 136
ECOFIN 708
ONU 77

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	L-Ewwel Sessjoni tal-Kumitat Ad Hoc biex jiġu Abbozzati Termini ta' Referenza għal Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kooperazzjoni Fiskali Internazzjonali (New York, 26 ta' April - 8 ta' Mejju 2024) - Informazzjoni mill-Presidenza

L-Ewwel Sessjoni tal-Kumitat Ad Hoc biex jiġu Abbozzati Termini ta' Referenza għal Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kooperazzjoni Fiskali Internazzjonali

(New York, 26 ta' April - 8 ta' Mejju 2024)

Informazzjoni mill-Presidenza

1. Fit-22 ta' Diċembru 2023, is-seba' u sebgħin sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat ir-Risoluzzjoni 78/230 dwar "Il-Promozzjoni ta' Kooperazzjoni Inklusiva u Effettiva fil-Qasam tat-Taxxa fin-Nazzjonijiet Uniti". Ir-risoluzzjoni ġiet adottata b'vot ta' maġġoranza u rċeviet appoġġ mifrux mill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari l-Grupp tal-Afrika u l-G77. Hija tiddekrivi proċess għall-istabbiliment ta' Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar il-Kooperazzjoni Fiskali Internazzjonali.

2. L-ispinta għal konvenzjoni multilaterali ġdida dwar it-taxxa tftitex li tistabbilixxi sistema tat-taxxa internazzjonali aktar effettiva u inklużiva li tindirizza aħjar il-ħtiġijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, tippromwovi t-trasparenza, u tiżgura li l-pajjiżi kollha jkunu fuq l-istess livell fit-tfassil tal-aġenda u l-formulazzjoni ta' politiki u regoli globali tat-taxxa. Din il-bidla għandha l-għan li tirrettifika l-iżbilanċi u n-nuqqasijiet perċepiti tas-sistema eżistenti ta' kooperazzjoni fiskali internazzjonali.
3. Abbażi tal-mandat tan-NU, it-termini ta' referenza għall-konvenzjoni qafas dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa għandhom jiġu abbozzati minn Kumitat Intergovernattiv Ad Hoc immexxi mill-Istati Membri u miftuħ. Il-Kumitat Ad Hoc kellu s-sessjoni organizzattiva tiegħu fi New York fl-20-22 ta' Frar 2024. Żewġ sessjonijiet sostantivi kienu skedati biex tiwettaq il-ħidma obligatorja: l-ewwel waħda mis-26 ta' April sat-8 ta' Mejju 2024, u t-tieni waħda mid-29 ta' Lulju sas-16 ta' Awwissu 2024, it-tnejn li huma fi New York, sa liema żmien għandu jiġi konkluż ix-xogħol. In-negozjati dwar it-test tal-konvenzjoni ser jipproċedu fl-istadju sussegwenti.
4. Taħt il-Prezidenza Belġjana, il-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet ta' Taxxa – Livell Għoli, segwa regolarment l-iżviluppi tal-proċess tan-NU u kkoordinata l-pożizzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fil-Kunsill. Il-Prezidenza Belġjana għamlet proposta għal pożizzjoni fisem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha u qieset il-fehmiet kollha tal-Istati Membri biex tinkiseb pożizzjoni komuni. Il-pożizzjoni fisem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha għall-ewwel sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc ġiet approvata fil-25 ta' April 2024¹. Il-pożizzjoni hija favur qafas robust ta' kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tat-taxxa taħt in-Nazzjonijiet Uniti biex tiġi żgurata sistema tat-taxxa globali ġusta, inklużiva u effettiva. Il-pożizzjoni tenfasizza l-importanza ta' ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, kooperazzjoni fiskali inklużiva u ekwa, u t-trawwim ta' dialogu globali biex jinħolqu sinerġiji ta' politika. L-UE tappoġġa l-allinjament tal-Konvenzjoni proposta ma' inizjattivi fiskali internazzjonali eżistenti biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u tiġi żgurata l-koerenza. L-UE u l-Istati Membri tagħha jippromwovu t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq il-kunsens biex jiġu inklużi l-perspettivi tal-pajjiżi kollha u jenfasizzaw l-importanza li jiġu appoġġati l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) permezz ta' politiki tat-taxxa effettivi.

¹ ST 9129/24 REV 1

5. Id-diskussjonijiet matul l-ewwel sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc iffukaw fuq l-istruttura possibbli tat-termini ta' referenza, inkluż elementi sostantivi tal-konvenzjoni u suġġetti potenzjali għal impenji ta' livell għoli. Is-sessjoni kkunsidrat ukoll il-kwistjoni tal-iżvilupp simultanju ta' protokollu bikrija.

6. Dwar kwistjonijiet sostanzjali, id-diskussjonijiet ewlenin iffukaw fuq il-kunċett ta' mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi (DRM) u r-rwol tal-bini tal-kapaċità, l-importanza li l-individwi b'valur nett għoli jiġu intaxxati b'mod effettiv u miżuri tat-taxxa possibbli biex jiġu indirizzati l-isfidi ambjentali. L-aktar kwistjonijiet kontroversjali kienu t-tassazzjoni ekwa tal-introjtu tal-intrapriżi multinazzjonali (MNEs) u t-tassazzjoni ta' tranżazzjonijiet transfruntieri. Hemm ukoll ir-riskju ta' trikkib mas-soluzzjoni b'żewġ pilastru tal-OECD. Kwistjoni diviżiva oħra kienet l-iżvilupp possibbli ta' protokollu bikrija, speċifikament jekk l-ewwel tiġix żviluppata l-konvenzjoni qafas (FC) u biss wara l-protokollu, jew jekk jiġu żviluppati protokollu simultanju dwar kwistjonijiet urġenti. Kwistjonijiet possibbli għal protokollu bikrija mqajma mid-delegazzjonijiet kienu jinkludu: il-flussi finanzjarji illeċiti, it-tassazzjoni tas-servizzi transfruntiera, it-tassazzjoni tal-ekonomija diġitali, il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni tat-tilwim, it-tassazzjoni ta' individwi b'valur nett għoli, l-isfidi ambjentali, l-iskambju ta' informazzjoni u l-inċentivi fiskali.

7. Il-President tal-Kumitat Ad Hoc ippropona skeda ta' żmien għall-passi li jmiss, inkluż iċ-ċirkolazzjoni ta' abbozz żero tat-termini ta' referenza u l-opportunitajiet għal sottomissjonijiet bil-miktub mill-Istati Membri tan-NU u mill-partijiet ikkonċernati fit-tnejn għat-tieni sessjoni sostantiva.

8. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha kellhom rwol attiv fid-diskussjonijiet fil-Kumitat Ad Hoc. Il-pożizzjoni maqbula ngħatat mid-delegazzjoni tal-UE għan-Nazzjonijiet Uniti fisem l-UE u l-Istati Membri tagħha u mill-Belġju bħala Stat Membru li qed jeżerċita l-Prezidenza tal-Kunsill fisem l-Istati Membri tal-UE matul il-ftuħ tal-ewwel sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc fis-26 ta' April 2024. Il-pożizzjoni komuni kienet appoġġata u kkumplimentata minn Stati Membri oħra li pparteċipaw fis-sessjoni. Matul is-sessjoni, il-Prezidenza Belġjana, id-delegazzjoni tal-UE u s-servizzi tal-Kummissjoni kkooperaw mill-qrib biex jorganizzaw laqgħat regolari ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni u koordinazzjoni tal-UE. Il-parteċipazzjoni virtwali għad-delegazzjonijiet mill-bliet kapitali u għall-konsulenti fiskali/attachés ibbażati fi Brussell kienet permessa wkoll. Dawn il-laqgħat saru b'mod alternat ma' dawk tal-grupp reġjonali tan-NU ta' Stati tal-Ewropa tal-Punent u Oħrajn (WEOG), u wara dan l-Istati Membri kollha tal-UE ġew aġġornati dwar l-aħħar diskussjonijiet. Saru wkoll attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni ma' pajjiżi terzi, kif ukoll laqgħat mal-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif diskuss fuq il-post.
9. L-ewwel sessjoni sostantiva tal-Kumitat Ad Hoc immarkat pass kruċjali fit-tnejn tal-abbozz tat-termini ta' referenza għall-istrument legalment vinkolanti l-ġdid dwar il-kooperazzjoni fiskali internazzjonali. Filwaqt li affermat l-importanza ta' kooperazzjoni fiskali internazzjonali inklużiva, effettiva u ġusta, is-sessjoni enfasizzat differenzi notevoli fil-pożizzjonijiet ta' diversi Stati Membri u gruppi tan-NU, b'mod partikolari bejn il-pajjiżi żviluppanti u dawk li qed jiżviluppaw. Għad fadal ħidma sinifikanti biex isir progress u wieħed jittama li jintlaħaq kunsens dwar xi wħud mill-kwistjonijiet, filwaqt li jiġi żgurat li l-qafas jindirizza b'mod effettiv il-ħtiġijiet tal-pajjiżi kollha.